**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 7**
**L-Erbgħa, 18 ta' Mejju, 2022 fl-4:00 p.m.**

**DIPARTIMENTI TAD-DIJABETE – SEZZJONI PEDJATRIKA – TOBBA, SPEĊJALISTI U KONSULENTI**

**13. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm tobba, speċjalisti u konsulenti li jaħdmu fid-dipartimenti tad-dijabete fis-sezzjoni pedjatrika, jiġifieri għal tfal u żgħażagħ taħt is-16-il sena?

09/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fid-Dipartiment tas-Saħħa, fid-dipartiment tad-dijabete' fis-sezzjoni pedjatrika, għal tfal u żgħażagħ taħt is-16-il sena hemm żewġ Konsulenti Pedjatriċi tad-Dijabete/Endokrinoloġija u Speċjalist Residenti wieħed.

Seduta 7
18/05/2022

**DIPARTIMENTI TAD-DIJABETE – SEZZJONI TAL-ADULTI – TOBBA, SPEĊJALISTI U KONSULENTI**

**14. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm tobba, speċjalisti u konsulenti li jaħdmu fid-dipartimenti tad-dijabete fis-sezzjoni tal-adulti, jiġifieri għal pazjenti mis-16-il sena 'l fuq?

09/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fid-Dipartiment tas-Saħħa li jinkludi ukoll id-Dipartiment tal-Kura Primarja, fid-dipartimenti tad-dijabete fis-sezzjoni tal-adulti, jiġifieri għal pazjenti mis-16-il sena 'l fuq hemm total ta' 8 Konsulenti tad-Dijabete/Endokrinoloġija u 8 Residenti Speċjalisti.

Seduta 7
18/05/2022

**DIPARTIMENTI TAL-KURA PRIMARJA – TOBBA, SPEĊJALISTI U KONSULENTI SPEĊJALIZZATI FID-DIJABETE**

**15. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm tobba, speċjalisti u konsulenti li jaħdmu fid-Dipartimenti tal-Kura Primarja u li huma speċjalisti fid-dijabete?

09/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fid-Dipartiment tal-Kura Primarja, fid-dipartimenti tad-dijabete', hemm 2 Konsulenti tad-Dijabete/Endokrinoloġija. F'dan id-dipartiment hemm ukoll numru ta' *General Practitioners* li jikkuraw pazjenti li jkollhom problemi relatati mad-Dijabete.

Seduta 7
18/05/2022

**DIPARTIMENT TAS-SAĦĦA – INFERMIERA SPEĊJALIZZATI FID-DIJABETE**

**16. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm infermiera speċjalizzati fid-dijabete li jaħdmu mad-Dipartiment tas-Saħħa? Kemm minnhom jaħdmu fil-pedjatrija? Kemm minnhom jaħdmu ma' dawk 'il fuq minn 16-il sena? U kemm minnhom jaħdmu fil-Kura Primarja?

09/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-total ta nfermiera li jaħdmu fid-dipartimenti tas-saħħa, fil-qasam tad-dijabete' huma 14. Dawn jinkludu 2 infermiera li jaħdmu f'dan il-qasam fil-pedjatrija u 12 li jagħtu servizz lil dawk 'l fuq minn 16-il sena.
9 minn dawn l-infermiera jaħdmu fid-dipartiment tal-kura primarja.

Seduta 7
18/05/2022

**MULTI DISCIPLINARY TEAMS – ŻIEDA TA' ĦADDIEMA**

**17. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid xi pjan għandu l-Gvern biex jiżdiedu l-ħaddiema li jiffurmaw parti mill-Multi Disciplinary Teams li minbarra t-tobba u l-infermiera jinkludu professjonisti oħrajn bħall-psikoterapisti u podiatrists, li huma essenzjali għall-kura tad-dijabete?

09/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi għalkemm formalment ma hemmx Multi-Disciplinary Teams fil-qasam tad-dijabete', ħaddiema professjonisti fil-qasam tas-saħħa bħal Psychologists, Medical Lab Scientists, Nutrition & Dietetics, u Physiotherapists joffru s-servizzi tagħhom lill-pazjenti bid-dijabete'. Fiż-żmien li ġej is-servizz tas-Psychotherapists se jkun ukoll qed jingħata bla ħlas għal ewwel darba. Minn żmien għal żmien, bħal dejjem se jkunu qed jinħarġu aktar sejħiet sabiex aktar ħaddiema professjonisti jiġu ingaġġati.

Seduta 7
18/05/2022

**TAĦRIĠ TA' INFERMIERA ĠODDA FL-ISPEĊJALIZZAZZJONI TAD-DIJABETE**

**18. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Huwa fatt li l-infermiera li speċjalizzaw fil-kura tad-dijabete għandhom rwol essenzjali fil-kliniċi tad-dijabete. Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-Gvern għandux pjan biex jitħarrġu aktar infermiera ġodda fl-ispeċjalizzazzjoni tad-dijabete, speċjalment meta wieħed jikkunsidra li hemm numru ta' infermiera li qed jaħdmu f'dan is-settur, u jagħtu servizz impekkabli, li qed joqorbu lejn l-età tal-irtirar?

09/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi wara li ġiet introdotta l-liġi tal-ispeċjalizzazzjoni tan-Nursing, sejħiet għal Specialised Practice Nurses isiru fuq parir tal-Specialist Accreditation Committee.
Seduta 7
18/05/2022

**MELLIEĦA, NAXXAR U SAN PAWL IL-BAĦAR – BINI MILL-ĠDID TA' TOROQ**

**108. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jindika liema toroq residenzjali fil-Mellieħa, Naxxar u San Pawl il-Baħar huma fil-listi ta' prijoritajiet sabiex jinbnew mill-ġdid/għall-ewwel darba?

09/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-lokalità tal-Mellieħa diġà nbnew mill-ġdid u saru xogħlijiet fi Triq il-Marfa, Triq Little Armier, Triq it-Telgħa ta' Selmun, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq il-Mellieħa, Triq il-Mejjiesa, Triq Luis Wettinger, Triq ir-Ramla, Triq il-Palma, il-pont tal-Mistra, Triq it-Tunnara u Triq it-Torri l-Abjad. Saru wkoll xogħlijiet fi Triq l-Għar u Casa u Triq il-Barkazza biex ġie mtejjeb l-aċċess għar-residenti b'mod temporanju, sakemm is-sidien u l-iżviluppaturi rispettivi jonoraw l-obbligi legali

tagħhom li jiffurmaw l-istruttura tal-istess toroq, sabiex b'hekk eventwalment ikunu jistgħu jitlestew b'wiċċ t'asfalt ġdid.

Bħalissa qegħdin isiru xogħlijiet fi Triq il-Marfa (l-Għadira) u Triq it-Torri l-Aħmar, waqt li diġà hemm ippjanati biex fiż-żmien li ġej jibda x-xogħol fi Triq it-Tabib Joseph Grech Attard, Triq ir-Rattan, it-taraġ fi Triq it-Tgħam, Triq il-Pepprin, Triq l-Għaqda, Triq Għajn Tuta, Triq Wied Musa u Ta' Qasam Barrani/il-Mofra (Għadira).

Fil-lokalità tan-Naxxar diġà nbnew mill-ġdid u saru xogħlijiet fi Triq il-Kappella ta' San Mikiel, Triq ix-Xbieki, Triq John Adye, Triq San Franġisk t'Assisi, Triq San Pawl, fit-Telgha ta' Alla u Ommu, Triq Wied Filep, Triq il-Forġa, Triq Ħannewija, Triq Francis Attard, Triq il-Fortizza tal-Mosta, Triq il-Mazza, triq bla isem fi Vjal il-Labour, Triq Ċipru, Triq Ġibiltà, Triq il-Libja, Triq il-Marokk, Triq Korfu, Triq l-Arġentina, Triq l-Ingilterra, Triq Ċili, Triq il-Brażil, Triq il-Mitħna, Triq Spanja, Triq il-Ġermanja, Triq il-Milizzja, Triq it-Tuffieħ, Triq l-Irziezet, Triq l-Oqbra ta' Ħawwat, Triq il-Kappella ta' Santa Marija, Tal-Qadi, Triq Santa Fawstina ta' Kowalska, Triq Tal-Balal, roundabout junction ġdida fi Vjal il-Labour, kif ukoll titjib fir-roundabout junction bejn Triq il-Parroċċa u Triq San Pawl. Sar ukoll titjib kbir fit-toroq ewlenin tal-inħawi bejn iċ-ċimiterju ta' Ħal Lija, l-Iklin u n-Naxxar, filwaqt li nbena parkeġġ ġdid ħdejn ir-Riserva Naturali tas-Salina.

Bħalissa qegħdin isiru xogħlijiet fi Triq iċ-Ċirasa, Triq il-Berquq, Triq il-Ġellewz, Triq is-Sgħajtar, Triq Margaret Murray, Triq Andrea Debono u Triq Jean Houel, waqt li diġà hemm ippjanati biex fiż-żmien li ġej jibda x-xogħol fi Triq l-Emigranti u Sqaq Ħabel żwejra.

Fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar diġà nbew mill-ġdid u saru xogħlijiet fi Triq il-Luzzu, Triq Għawdex, Triq it-Turisti, Triq Port Ruman, Triq l-Istamnar, Triq Nicola Ardonio, Triq ġdida fi Triq J. Quintinus, Triq l-Indipendenza, Triq Ġużeppi Despot, triq bla isem fi Triq Burmarrad, Triq il-Ħżejjen, Triq il-Wardija, Triq l-Iskuna, Triq Annetto Caruana, Triq it-Tamar u Triq Cunningham.

Bħalissa qegħdin isiru xogħlijiet fi Triq il-Lampuki u Triq il-Ħamra, waqt li diġà hemm ippjanati biex fiż-żmien li ġej jibda x-xogħol fi Triq l-Imrejkba, Triq il-Bardnell, Triq Luigi Preziosi, triq bla isem fi Triq il-Pwales u Triq Wied Qannotta.

Seduta 7
18/05/2022

**UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI - IMPJEGATI**

**117. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandu impjegati miegħu l-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi? Jista' l-Ministru jagħti l-kariga ta' kull impjegat u d-data ta' meta beda l-impjieg tiegħu mal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi?

09/05/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant l-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi sa llum għandu 14-il impjegat li huma skond kif indikat fit-tabella hawn isfel:

| **Kariga** | **Data tal-bidu tal-impjieg** |
|---|---|
| Director | 25/01/2022 |
| Principal Legal Officer | 14/09/2020 |
| Manager | 25/06/2018 |
| Manager | 08/10/2020 |
| Manager | 10/06/2021 |
| Bureau Officer II | 05/10/2018 |
| Bureau Officer II | 12/09/2019 |
| Bureau Officer II | 13/04/2020 |
| Bureau Officer II | 22/11/2021 |
| Bureau Officer II | 29/10/2021 |
| Bureau Officer II | 17/12/2021 |
| Bureau Officer II | 09/05/2022 |
| Handler | 29/10/2018 |
| Bureau Officer II | 18/06/2018 |

Seduta 7
18/05/2022

**BORD TAL-UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI - LAQGĦAT**

**118. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid mis-sena 2015 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm-il laqgħa saret tal-Bord tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi? Jista' l-Ministru jagħti d-dati ta' meta saret kull laqgħa u jindika l-membri tal-Bord u persuni oħra li kienu preżenti u/jew assenti għal kull waħda mil-laqgħat?

09/05/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-2015 sat-13 ta' Mejju 2022 saru 63 laqgħa tal-Bord tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi. Min dawn kien hemm 26 istanzi fejn kien hemm xi ħadd mill-membri assenti hekk kif muri fit-tabelli li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 7
18/05/2022

**TALBIET MILL-UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI LILL-PRIM MINISTRU**

**119. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid x'talbiet saru mill-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi lill-Prim Ministru, li permezz tiegħu ntalab li uffiċjali pubbliċi jiġu assenjati biex jaqdu dmirijiethom mal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi? Jista' l-Ministru jgħid min kienu dawn l-uffiċjali pubbliċi, il-kariga tagħhom u f'liema kapaċità intalbu li jaqdu d-dmirijiet tagħhom fl-Uffiċċju għall-Iskupru tal-Assi? Jista' l-Ministru jgħid kemm minn dawn it-talbiet ġew aċċettati mill-Prim Ministru, kemm ġew miċħuda u kemm għadhom pendenti?

09/05/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'kollox saru 3 talbiet biex uffiċjali pubbliċi jiġu assenjati biex jaqdu dmirijiethom mal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi, li kollha ġew aċċettati. Id-dettalji ta'dawn it-talbiet jinstabu fit-tabella annessa.

| **Kariga** | **Kariga mal-ARB** |
|---|---|
| Office Clerk | Bureau Officer II |
| Health Screening Coordinator | Bureau Officer II |
| Executive - Grade 1 | Bureau Officer II |

Seduta 7
18/05/2022

**UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI – OFFERTI TA' IMPJIEG PERMANENTI**

**120. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid mis-sena 2015 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, x'offerti ta' impjieg permanenti għamel l-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi lil uffiċjali assenjati għal dmirijiet mal-istess Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi? Jista' l-Ministru jgħid x'rimunerazzjoni, pattijiet u kondizzjonijiet ġew offruti lill-imsemmija uffiċjali mill-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi?

09/05/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ewwel parti tal-mistoqsija mhux ċara u qed jintalab biex jikkjarifika xi jfisser meta jigħd " x'offerti ta' impjieg permanenti għamel l-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi lil uffiċjali assenjati għal dmirijiet mal-istess Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi?". Ninforma ukoll

li ma kien hemm ebda pattijiet li jmorru oltre dawk stabilitti fil-kuntratt ġenerali u komuni ta'impjieg skont il-ligi li l-impjegat ikun iffirma meta beda jaħdem mal- Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi.

Seduta 7
18/05/2022

**QORTI ĊIVILI (SEZZJONI TAL-IRKUPRU TAL-ASSI) – KAŻIJIET PENDENTI**

**121. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm każijiet pendenti quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi)? Jista' l-Ministru jgħid kemm ilhom pendenti dawn il-każijiet?

09/05/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa hemm 3 kawżi pendenti quddiem din il-Qorti, fejn l-aktar każ li ilu pendenti imur lura għal 6 xhur.

Seduta 7
18/05/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI – DIRECT ORDER LILL-KUMPANIJA**

**134. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għal dak li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta' April 2022 b'referenza għal diversi direct orders li ħareġ il-Ministeru li jaqa' taħt ir-responsabiltà tiegħu fit-8 ta' Novembru 2021 lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, jista' l-Ministru jgħid fiex kien jikkonsisti x-xogħol relatat mad-Direct Order bin-numru tar-referenza 52475 għall-ammont ta' €28,849.24 bit-titlu *'Malta Metro'*? Jista' jgħid jekk kienx hemm l-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi għal din id-Direct Order?

10/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari 122.

Seduta 7
18/05/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI – DIRECT ORDER LILL-KUMPANIJA**

**135. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għal dak li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta' April 2022 b'referenza għal diversi direct orders li ħareġ il-Ministeru li jaqa' taħt ir-responsabiltà tiegħek fit-8 ta' Novembru 2021 lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, jista' l-Ministru jgħid fiex kien jikkonsisti x-xogħol relatat mad-Direct Order bin-numru tar-referenza 52476 għall-ammont ta' €7,417.45 bit-titlu *'Malta Metro'*? Jista' jgħid jekk kienx hemm l-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi għal din id-Direct Order?

10/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari 122.

Seduta 7
18/05/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI – DIRECT ORDER LILL-KUMPANIJA**

**136. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għal dak li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta' April 2022 b'referenza għal diversi direct orders li ħareġ il-Ministeru li jaqa' taħt ir-responsabiltà tiegħu fit-8 ta' Novembru 2021 lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, jista' l-Ministru jgħid fiex kien jikkonsisti x-xogħol relatat mad-Direct Order bin-numru tar-referenza 52477 għall-ammont ta' €21,788.75 bit-titlu *'Malta Metro'*? Jista' jgħid jekk kienx hemm l-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi għal din id-Direct Order?

10/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari 122.

Seduta 7
18/05/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI – DIRECT ORDER LILL-KUMPANIJA**

**137. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B referenza għal dak li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta' April 2022 b'referenza għal diversi direct orders li ħareġ il-Ministeru li jaqa' taħt ir-responsabiltà tiegħu fit-8 ta' Novembru 2021 lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, jista' l-Ministru jgħid fiex kien jikkonsisti x-xogħol relatat mad-Direct Order bin-numru tar-referenza 52478 għall-ammont ta' €12,198.92 bit-titlu *'Malta Metro'*? Jista' jgħid jekk kienx hemm l-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi għal din id-Direct Order?

10/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari 122.

Seduta 7
18/05/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI – DIRECT ORDER LILL-KUMPANIJA**

**138. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għal dak li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta' April 2022 b'referenza għal diversi direct orders li ħareġ il-Ministeru li jaqa taħt ir-responsabiltà tiegħu fit-8 ta' Novembru 2021 lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, jista' l-Ministru jgħid fiex kien jikkonsisti x-xogħol relatat mad-Direct Order bin-numru tar-referenza 52479 għall-ammont ta' €5,238.57 bit-titlu *'Malta Metro'*? Jista' jgħid jekk kienx hemm l-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi għal din id-Direct Order?

10/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari 122.

Seduta 7
18/05/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI – DIRECT ORDER LILL-KUMPANIJA**

**139. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għal dak li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta' April 2022 b'referenza għal diversi direct orders li ħareġ il-Ministeru li jaqa' taħt ir-responsabiltà tiegħek fit-8 ta' Novembru 2021 lill-kumpanija li d-dettalji

dwarha qed jingħataw separatament, jista' l-Ministru jgħid fiex kien jikkonsisti x-xogħol relatat mad-Direct Order bin-numru tar-referenza 52480 għall-ammont ta' €45,000.00 bit-titlu *'Malta Metro'*? Jista' jgħid jekk kienx hemm l-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi għal din id-Direct Order?

10/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari 122.

Seduta 7
18/05/2022

**KAŻIJIET TA' ABBUŻ FUQ L-ANZJANI**

**175. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jindika kemm ġew irraportati każijiet ta' abbuż fuq l-anzjani fis-sena 2021? Jista' jgħid ukoll x'kienet in-natura ta' dawn ir-reati kriminali u kemm kienu dawn ir-reati kriminali skont in-natura tagħhom?

10/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi kif ingħad fi tweġibiet għall-mistoqsijiet simili, fis-sistema kompjuterizzata tal-pulizija li tiġbor ir-rapporti kollha, ma hemmx kategorija speċifika għal reati kriminali fuq persuni anzjani jew fuq bażi ta' età. Infurmat għalhekk li l-kategoriji huma bbażati fuq it-tip ta' reat imwettaq. It-tabella ta' hawn taħt turi n-numru ta' rapporti fis-sena 2021, fil-kategorija ta' reati meqjusa bħala abbużivi fin-natura tagħhom, miġbura fuq persuni ta' sittin sena jew aktar li huma reġistrati bħala vittmi ta' reati.

| **Tip ta' rapport** | **2021** |
|---|---|
| Feriti fuq il-persuni | 75 |
| Vjolenza domestika | 225 |
| Serq b'armi | 5 |
| Mugging | 6 |
| Snatch and Grab | 8 |
| Stupru | 2 |
| **Total** | **321** |

Seduta 7
18/05/2022

**KUNSILL LOKALI ĦAMRUN – XOGĦLIJIET INFRASTRUTTURALI MWETTQA**

**176. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista ta' xogħlijiet infrastrutturali li wettaq il-Kunsill Lokali tal-Ħamrun fis-snin 2020 u 2021 rispettivament u matul is-sena 2022 sat-30 ta' April 2022? Jista' jgħid fejn sar dan ix-xogħol, fiex kien jikkonsisti, kemm sewa u min wettaq dan ix-xogħol?

10/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni mitluba tinġabar.

Seduta 7
18/05/2022

**KUNSILL LOKALI BELTT VALLETTA – XOGĦLIJIET INFRASTRUTTURALI MWETTQA**

**177. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista ta' xogħlijiet infrastrutturali li wettaq il-Kunsill

Lokali tal-Belt fis-snin 2020 u 2021 rispettivament u matul is-sena 2022 sat-30 ta' April 2022? Jista' jgħid fejn sar dan ix-xogħol, fiex kien jikkonsisti, kemm sewa u min wettaq dan ix-xogħol?

10/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-dettalji mitluba jinsabu hawn taht:

| **Xogħlijiet Infrastrutturali li wettaq il-Kunsill Lokali Belt Valletta** | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Sena** | **Fejn sar ix-Xogħol** | **Fiex kien jikkonsisti** | **Kemm sewa** | **Min wettaq dan ix-xogħol** | | | |
| 2021 | Parti minn Triq l-Ifran, Parti minn Triq il-Merkanti | Bdil ta' Bankini | €260,000.00 | Premier Ltd | Planning Development | | |
| 2020 | Triq Sant'Orsla | Soup Kitchen Fire and Safety | €13,755.84 | Alberta | | | |
| | | Soup Kitchen: Heating, Ventilation & Air Conditioning | €55,734.39 | Engenuity Ltd | | | |
| | | Soup Kitchen: Mechanical & Electrical Works | €64,313.00 | Engenuity Ltd | | | |
| | | Soup Kitchen: Restoration | €86,317.52 | Hirise Ltd | | | |
| | | | €220,120.75 | Total | Planning Development | | |
| 2021 | Hasting Car Park | Xiri u Installazjoni ta Parking Sensors | €48,247.84 | CVA Technology Ltd | | | |
| | | Tabelli u Sinjali fil-Parkegg | €23,057.29 | B. Grima & Sons Ltd | | | |
| | | Clearance ta' Karozzi | €559.15 | Police | | | |
| | | | €71,864.28 | Total | EU Funds | | |

Seduta 7
18/05/2022

**KUNSILL LOKALI FLORIANA – XOGĦLIJIET INFRASTRUTTURALI MWETTQA**

**178. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jpoggi fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista ta' xogħlijiet infrastrutturali li wettaq il-Kunsill Lokali Floriana fis-snin 2020 u 2021 rispettivament u matul is-sena 2022 sat-30 ta' April 2022? Jista' jgħid fejn sar dan ix-xogħol, fiex kien jikkonsisti, kemm sewa u min wettaq dan ix-xogħol?

10/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lil Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taht:

| Xogħlijiet Infrastrutturali li wettaq il-Kunsill Lokali Floriana | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Sena** | **Fejn sar ix-Xogħol** | **Fiex kien jikkonsisti** | **Kemm sewa** | **Min wettaq dan ix-xogħol** |
| 2020 | Tri il-Mall | Resurfacing u Servizzi tal-ilma ġodda | €88,464.89 | Road Servicing Ltd |
| 2020-2021 | Ġnien Re Ġorġ V | Pavimentar, playing field and putdoor gym, drainage works for public convenience, underground laying of cables, concrete lamp post bases, irrigation system. | €382,459.36 | Road Servicing Ltd, Paul Borg, Med Developers, Road Maintenance Services Ltd, Camilleri & Cuschieri, Anthony Attard, Tony Aquilina Ltd, Fire & Theft, Nexos Lighting, FM Core, Big Expo, Christopher Ellul, MCCAA. |
| 2021 | Triq San Franġisk | Bankina | €654.45 | ħaddiema tar-Reġjun |
| 2022 | Ġnien re Ġorġ V | Tiswija ta' ċint | €424.00 | ħaddiema tar-Reġjun |

Seduta 7
18/05/2022

**KUNSILL LOKALI MARSA – XOGĦLIJIET INFRASTRUTTURALI MWETTQA**

**179. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista ta' xogħlijiet infrastrutturali li wettaq il-Kunsill Lokali Marsa fis-snin 2020 u 2021 rispettivament u matul is-sena 2022 sat-30 ta' April 2022? Jista' jgħid fejn sar dan ix-xogħol, fiex kien jikkonsisti, kemm sewa u min wettaq dan ix-xogħol?

10/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| Xogħlijiet Infrastrutturali li wettaq il-Kunsill Lokali Marsa | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Sena** | **Fejn sar ix-Xogħol** | **Fiex kien jikkonsisti** | **Kemm sewa** | **Min wettaq dan ix-xogħol** |
| 2021/2022 | Gnien Belveder | Refurbishment totali tal-Ġnien | €381,686 | Ambjent Malta; Planning Development funds; Architworks |
| | | | | |
| 2020 | Triq Nerik Sacco | Refurbishment tal-bankini | €7,034 | Karmig Ltd |
| 2021 | Triq Nerik Sacco | Refurbishment tal-bankini | €7,493 | Karmig Ltd |
| | | | | |
| 2021 | Marsa Road | Refurbishment tal-bankini | €11,617 | Karmig Ltd |

Seduta 7

18/05/2022

**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA – XOGĦLIJIET INFRASTRUTTURALI MWETTQA**

**180. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista’ l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista ta’ xogħlijiet infrastrutturali li wettaq il-Kunsill Lokali Santa Venera fis-snin 2020 u 2021 rispettivament u matul is-sena 2022 sat-30 ta’ April 2022? Jista’ jgħid fejn sar dan ix-xogħol, fiex kien jikkonsisti, kemm sewa u min wettaq dan ix-xogħol?

10/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta’ Santa Venera li x-xogħol imsemmi ma sarx mill-Kunsill Lokali.

Għaldaqstant nitlob lill-Onor. Interpellant jindirizza l-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru responsabbli.

Seduta 7
18/05/2022

**KORP TAL-PULIZIJA - TWAQQIF TA' SKWADRA SPEĊJALI**

**182. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħti data definittiva meta ser titwaqqaf l-iskwadra speċjali, fi ħdan il-Korp tal-Pulizija, għaż-żona ta' Paceville f'San Ġiljan kif ġie ssuġġerit mill-Police Officers Union f'Lulju 2021?

10/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Il-Korp tal-Pulizija huwa kommess li jassigura pajjiż sigur għal kulħadd kemm f’Paceville kif ukoll fi bnadi oħra tal-pajjiż. Infurmat illi huwa minnu li l-industrija ta’ billejl ġewwa Paceville toffri sfidi partikolari li jridu jiġu indirizzati b’mod kollettiv bil-Korp tal-Pulizija jokkupa rwol strateġiku f’dan l-arranġament. Għal dawn l-aħħar xhur il-Korp tal-Pulizija kompla jissaħħaħ fuq numru ta’ fronti, inkluż preżenza akbar fil-komunitajiet permezz tal-proġett tal-communty policing, inkluż ġewwa San Ġiljan u s-Swieqi, sabiex bdejna nindirizzaw aħjar il-problemi li jaffaċjaw ir-residenti ta’ kuljum. Dan kollu kien ifisser li numru konsiderevoli ta’ riżorsi ġew allokati għal dawn l-għanijiet filwaqt li ġew addottati metodi li jiżguraw aktar sigurtà ġewwa Paceville. Infurmat ukoll li fl-istess perjodu l-Korp tal-Pulizija kien f’diskussjonijiet ma’ numru ta’ msieħba, inkluż l-unjin indikata, sabiex jiġi xprunat it-twaqqif ta’ organu aktar iffukat fuq Paceville u s-sigurtà tiegħu. Naturalment, issa li din hija fil-fatt waħda mill-miżuri fil-programm elettorali ta’ dan il-Gvern (miżura 830) ser naraw li dawn id-diskussjonijiet jitkomplew bil-għan li jiġi kkreat setup adekwat li jiżgura sigurtà ġewwa Paceville bl-involviment ta’ pulizija speċjalizzati.

Seduta 7
18/05/2022

**SKEJJEL – ŻIEDA FIS-SALARJI TAL-EDUKATURI**

**251. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista’ l-Ministru jgħid meta se tibda tkun diskussa ż-żieda fis-salarji tal-edukaturi skont kif propost fil-Manifest Elettorali tal-Gvern?

12/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fix-xhur li ġejjin ser ikunu qed jinbdew id-diskussjonijiet meħtieġa fir-rigward tal-ftehim kollettiv il-ġdid

Seduta 7
18/05/2022

**UNIVERSITÀ – AUDIT MIN-NAĦA TAL-MFHEA**

**252. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid meta sar l-aħħar Audit tal-Università min-naħa tal-MFHEA ta' Malta u jippreżenta kopja tiegħu fuq il-Mejda tal-Kamra u jgħid meta huwa previst li jsir l-Audit mill-MFHEA li jmiss?

12/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-aħħar audit tal-Università ta' Malta mill-MFHEA sar f'April tal-2015. Dan l-audit qiegħed jitpoġġa fuq il-mejda tal-kamra.
Il-proċess tal-audit li jmiss ser jibda f'Settembru li gej.

Seduta 7
18/05/2022

**INVESTIGAZZJONI FUQ KAŻ**

**253. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-MFHEA hiex tinvestiga l-kwistjoni li qamet bejn l-Università ta' Malta u l-Uffiċċju tal-Ombudsman dwar il-każ li ġie investigat mill-istess Uffiċċju tal-Ombudsman u li r-rapport dwaru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra fis-seduta 2 tad-9 ta' Mejju 2022?

12/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li mhux il-kompitu tal-Awtorità msemmija li tidħol fl-investigazzjonijiet li jagħmel il-Kummissarju tal-Edukazzjoni

Seduta 7
18/05/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR – KONSUM TAL-ALKOĦOL F'POSTIJIET PUBBLIĊI - ĊITAZZJONIJIET**

**255. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsijiet parlamentari 24673 u 24339 tat-13-il Leġiżlatura, jista' l-Ministru jagħti informazzjoni dwar kemm-il ċitazzjoni nħarġet dwar ksur tal-bye-law K.L.B.L 55/05/2021, liema bye-law hi dwar il-konsum tal-alkoħol f'postijiet pubbliċi f'San Pawl il-Baħar, minn meta daħlet fis-seħħ din il-bye law sal-lum maqsuma xahar b'xahar? Minn dawn iċ-ċitazzjonijiet li nħarġu, kemm minnhom irriżulta li l-persuna lil min inħarġet iċ-ċitazzjoni kienet ħatja, ma kenitx ħatja u kemm huma l-każijiet li għadhom pendenti?

12/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi t-tagħrif, anke sussegwentament għall-Mistoqsija Parlamentari numru 23496, għandu jkun dak li qiegħed nagħti f'din it-Tweġiba. Minn meta ħarġet il-bye-law K.L.B.L 55/05/2021 f'Mejju 2021 għal San Pawl il-Baħar, li tippenalizza il-konsum ta' alkoħol u/jew it-tlajjar ta' persuni li jġorru xi kontenitur miftuħ ta' xorb alkoħoliku f'postijiet pubbliċi, kien hemm tlieta u sittin (63) persuna li nħarġitilhom ċitazzjoni relatata ma' dan il-ksur ta' liġi, sa l-aħħar ta' April 2022. Wħud minnhom kellhom aktar minn kontravenzjoni waħda relatata mal-bye-law fuq l-istess ċitazzjoni. Mill-persuni li nħarġulhom iċ-ċitazzjonijiet, sebgħa u għoxrin (27) minnhom kienu ddikjarati ħatja, fosthom għax ma dehrux quddiem it-Tribunal jew wara li ħallsu l-piena dovuti fil-ħin. Tmien persuni (8) ma nstabux ħatja jew kellhom l-akkuzi irtirati mit-Tribunal. L-esitu għall-erbgħa (4) ċitazzjonijiet li nħarrġu f'Jannar 2022 għadu pendenti. Hemm numru ta' ċitazzjonijiet li l-każ tagħhom għad irid jinstemgħa quddiem it-Tribunal fix-xhur li ġejjin.

Seduta 7

18/05/2022

**NAXXAR – SKOLA PRIMARJA – PREŻENZA TAL-PULIZIJA BIEX JIKKONTROLLAW IT-TRAFFIKU**

**256. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsijiet parlamentari 24674 u 24424 tat-13-il Leġiżlatura, jista' l-Ministru jinvestiga jekk nhar l-Erbgħa 2 ta' Frar, 2022 u t-Tlieta 8 ta' Frar, 2022 kienx hemm il-preżenza tal-pulizija jew uffiċjali biex jikkontrollaw it-traffiku fil-madwar tal-Iskola Primarja tan-Naxxar fil-ħinijiet tad-dħul u tal-ħruġ tat-tfal mill-iskola, hekk kif informata li f'dawn id-dati ma kienx hemm il-preżenza tal-pulizija jew uffiċjali fil-ħinijiet tal-ħruġ tat-tfal mill-iskola?
12/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nistieden lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 7
18/05/2022

**NAXXAR, MELLIEĦA, SAN PAWL IL-BAĦAR – STALLAZZJONI TA' BUS SHELTERS**

**257. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid xi pjanijiet hemm għall-istallazzjoni ta' bus shelters fil-lokalitajiet tan-Naxxar, Mellieħa u San Pawl il-Baħar? Fejn u meta hu mistenni li jiġu installati iktar bus shelters f'dawn il-lokalitajiet?

12/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba mill-Onor Interpellant tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| | |
|---|---|

| **Kunsill Lokali** | **Tweġiba mill-Kunsill** |
|---|---|
| Mellieħa | Proposti li jinvolvu toroq arterjali li saru lil Transport Malta:<br><br>1. Triq il-Marfa (Skrajda - Direzzjoni Ċirkewwa)<br>2. Triq il-Marfa (Qammieħ - Direzzjoni Ċirkewwa)<br>3. Triq il-Marfa (Qammieħ - Direzzjoni Valletta)<br>4. Triq il-Marfa (L-Aħrax - Direzzjoni Ċirkewwa)<br>5. Triq iċ-Ċirkewwa (Batterija - Direzzjoni Ċirkewwa)<br><br>Proposti li jinvolvu toroq distributorji li saru the Faces Consultants Ltd skont ftehim li sar mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali:<br><br>6. Triq il-Latnija (Paradise – Direzzjoni Valletta) |

| | |
|---|---|
| | 7. Triq il-Marfa (Luna – Direzzjoni Valletta)<br>8. Triq il-Marfa (Adenau – Direzzjoni Valletta)<br>9. Triq il-Biedja (Xifer – Direzzjoni Valletta) |
| Naxxar | Il-Kunsill m'ghandux pjanijiet li jinstalla *bus shelters* f'dan l-istadju. |
| San Pawl il-Baħar | Infurmat li l-Kunsill daħħal 6 DNOs fuq bus shelters. |

Seduta 7
18/05/2022

**NAXXAR, MELLIEĦA, SAN PAWL IL-BAĦAR – STALLAZZJONI TA' BUS SHELTERS**

**258. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid xi pjanijiet hemm għall-istallazzjoni ta' bus shelters fil-lokalitajiet tan-Naxxar, Mellieħa u San Pawl il-Baħar? Fejn u meta hu mistenni li jiġu installati iktar bus shelters f'dawn il-lokalitajiet?

12/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din il-mistoqsija parlamentari għandha tiġi riferuta lill-Ministeru konċernat.

Seduta 7
18/05/2022

**MELLIEĦA – PALAZZ TA' SELMUN – XOGĦLIJIET TA' RESTAWR**

**259. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid fiex waslu t-tħejjijiet biex isiru xogħlijiet ta' restawr fuq il-Palazz ta' Selmun, Mellieħa, sabiex ma jkomplix jitfarrak u jiddeterjora?

12/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi ghat-twegiba parlamentari bin-numru 99.

Seduta 7
18/05/2022

**SELMUN U MĠIEBAĦ – PROPOSTA GĦAL PARK NAZZJONALI**

**260. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jindika jekk fuq iż-żoni ta' Selmun u l-Imġiebaħ il-Gvern hux ser jimxi fuq il-proposta tal-Oppożizzjoni li dawn isiru Park Nazzjonali bit-tliet binjiet ewlenin fl-istess żona (il-Lukanda u l-Palazz ta' Selmun flimkien mal-Forti Campbell) jingħataw lura lill-poplu Malti fl-interess tal-ġid komuni?

12/05/2022

**ONOR. SILVO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Gvern hu mpenjat li jrodd lill-poplu l-akbar proġett ta' spazji miftuħin, bħala parti mill-manifest elettorali, li għadu kemm ingħata fiduċja assoluta mill-poplu. Dwar il-proġetti speċifiċi msemmijin, nitolbu jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija numru 109 tas-seduta tas-16 ta' Mejju u għad-diskors tal-Prim Ministru fis-seduta tal-11 ta' Mejju li għadda.

Seduta 7
18/05/2022